**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tal-Laqgħa Numru 35 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju 2013 fit- 6.15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**35/01** **Talba**

**35/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.20 pm billi ntqalet it-talba.

**35/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru. 34**

**35/02/01** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti. Is-Sindku u s-S.E. iffirmaw il-Minuti.

**35/03** **Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 34**

**35/03/01** **Para 34/03/01:- Tender ta' Rampa fi Ġnien il-Paċi**: Il-Perit tal-Kunsill kien ikkonferma li jista jsir *lifter* flok ir-rampa. Il-Perit issuggerixxa li l-ewwel il-Kunsill għandu jitlob għall-stimi għal dan il-*lifte*r li jrid ikun skont ir-regolamenti tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Disabilita' (KNPD). Hu ser jara jekk ikunx hemm bżonn li jinġieb permess mill-MEPA. Il-Kunsill unanimament approva li is-S.E. tiġbor l-istimi u ssegwi mal-Perit Falzon. Hekk kif jaslu l-istimi għandu jiġi infurmat id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (DGL) bit-tibdil propost.

**35/03/02** **Para 34/03/02:- *Youth in Action Project***: Is-Sur Fenech qal li ż-żgħażugħ Giljan Aquilina kien ħa esperjenza sabiħa. Hu kien irringrazzja lill-Kunsill tas-sapport u li qal li se jipprepara rapport żgħir sabiex dan jiġi ppubblikat fil-fuljett tal-Kunsill li jmiss.

**35/03/03** **Para 34/03/03:- It-Torri tas-Semoforu**: Is-S.E. nfurmat lill-Kunsill li s-Sur Stitger kien ħa d-*designer* u Perit biex jaraw it-Torri. Għad trid issir l-ittra sabiex tinkiseb l-approvazzjoni finali mingħand id-Dipt. tal-Artijiet u d-DGL dwar il-ftehim ta' kera għat-Torri tas-Semaforu.

**35/03/04** **Para 34/03/05:- Ingaġġ ta' Skrivana fi Skala 15**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sinj Janice Bonnici aċċettat il-kariga ta' skrivana fi Skala 15. Is-S.E. kitbet lid-DGL sabiex jikkonfermaw jekk il-kuntratt huwiex indefinit jew definit. Meta tinkiseb din l-informazzjoni jiġi ippreparat il-kuntratt tax-xogħol.

**35/03/05** **Para 34/03/06:- Ftehim tal-PPP**: Is-S.E. infurmat li l-ittra lid-DGL għad trid issir. Is-Sindku talab lis-S.E. sabiex tiżgura li din l-ittra tintbagħat mill-aktar fis possibbli kif ukoll biex tikkonferma li l-*Bid Bond* provduta mal-offerta' ma tiskadix.

**35/03/06** **Para 34/03/07:- Tender Nru T-03/13-24:** Is-Sindku nforma li l-kuntratt u l-*works order* tal-*Child Play Equipment* għal-Ġnien il-Paċi huma lesti u li s-S.E. flimkien mal-Kunsillier is-Sur Fenech għandhom jiltaqgħu mal-Perit Falzon u mar-rappreżentant ta' M. Quip Ltd sabiex jibda x-xogħol kemm jista' jkun malajr.

**35/03/07** **Para 34/03/08:- Fanal Sqaq il-Ħofra:** Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-S.E. kitbet lill-Enemalta dwar il-proċedura biex jiċċaqlaq il-*cable*.

**35/03/08** **Para 34/03/09:- Ġnien tal-Ponta**: Is-S.E. flimkien mal-Perit Stanley Cortis iltaqgħu mar-rappreżentanti tal-MEPA fuq il-post sabiex jiddiskutu kif ser jingħata l-konkos. Is-S.E. infurmat ukoll li l-Perit ser jikteb lill-MEPA dwar dak li ġie deċiż kif ukoll ser jieħu ħsieb li joħroġ il-*Progress Report* u l-*Interim Progress Payment Request*.

**35/03/09** **Para 34/03/10:- Invit:** Il-Kunsill unanimament qabel li tinħareg in-*No Objection* tal-Kunsill għall-attivitajiet relatati mal-festa. Ġie deċiż ukoll li is-S.E. għandha torganiżża il-laqgħa ta' Ko-ordinament għall-Festa.

**35/03/10** **Para 34/03/11: Ilmenti trab barriera ta' Birguma:** Il-Kunsill innota r-risposta tal-MEPA fejn dawn qalu li l-barriera qed topera skont il-permess imma kienu għamlu xi rakkomandazzjonijiet sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent għar-residenti. Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu kien ser jikteb lill-MEPA u jitlob risposta aktar speċifika.

**35/03/11** **Para 34/03/14**: ***Crash Barrier* eċċ.** Il-Kunsill talab lis-S.E. sabiex issegwi mill-qrib mal-Koptasin it-twaħħil tal-*crash barrier u chevron signs*.

**35/03/12** **Para 34/05/02**: **Ilment 18113060194384** – Il-Kunsill innota r-risposta tal-MEPA fejn dawn qalu li s-sid ma jistax jitfa terrapien jew ħamrija peress li l-permess li kellhu skada u jrid japplika mill-ġdid.

**35/03/13** **Para 34/06/01**: **Għalqa Triq Sta Katerina**: Il-Kunsill unanimament qabel li jirrapporta lill-MEPA li għalqa fil-viċinanzi ta' Triq Sta Katerina kienet qed tintuża sabiex fiha jintefa l-iskart u jinzammu skips etc. Dan qed johloq inkonvenjent ghar-residenti.

**35/03/14** **Para 34/06/05**: Il-Kunsill unanimament qabel sabiex il-Viċi Sindku flimkien mas-S.E. jkomplu issegwu is-sejħa għall-interess mill-Assoċjazzjoni ta' Muniċipalitajiet Taljani mir-Regjun ta' Campania.

**35/03/15** **Para 34/06/08**: **Pjanijiet Lokali:** Il-laqgħa mal-uffiċċjali tal-MEPA dwar Konsultazzjoni mal-Pubbliku dwar revizjoni tal-Pjanijiet Lokali kienet tħassret mil-uffiċċjal tal-MEPA. Il-laqgħa ġiet skedata għall-Ġimgħa 2 t'Awissu 2013. Il-Kunsillieri kienu mistiedna li jattendu.

**35/03/16** **Para 34/07/01**: **Sit fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki**: Is-S.E għandha tikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet kif kien ġie deċiż mill-Kunsill.

**35/03/17** **Para 34/07/03: Measure 125**: Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li s-S.E. kienet għamlet kuntatt mal-Perit Dieter Falzon rigward id-dokumenti mitluba mill-*Majjistral Action Group (MAG)* u dawn ġew ippreparati u ppreżentati fil-ħin.

**35/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**35/04/01** Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Is-S.E. għandha tieħu ħsieb li jiġu kkorreguti n-*nominal account numbers* ta' uħud mill-*invoices* elenkati fl-iskeda ta' pagamenti. Is-S.E. infurmat ukoll li l-iskeda ta' pagamenti li saru mill-*Petty Cash* ser titressaq għall-approvazzjoni f'laqgħa oħra.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**35/05** **Ilmenti u Suggerimenti**

**35/05/01** **Ilment 18113006195001:** Talba sabiex quddiem propjeta' fi Triq Fra D. Mifsud fejn qedin jinżammu l-annimali isiru *double yellow lines* għaliex is-sid qed ikollhu problemi sabiex jidħol u joħroġ bl-annimali eċċ. peress li jkun hemm il-karrozzi ipparkjati. Ġie unanimament deċiż li din it-talba tiġi rriferuta lill-Transport Malta.

**35/05/02** Il-Kunsill unanimament approva li jikteb lis-sid ta' *plot* fi Triq Fra D. Mifsud sabiex jieħu ħsieb inaddaf il-*plot* kif ukoll jibni *boundary wall*.

**35/05/03** **Ilment 18113049195869 :** Talba biex teħel tabella *cul-de-sac* sabiex turi li Triq Sta Marija taz-Zellieq tagħlaq. Din it-talba ġiet unanimament approvata u s-S.E. intalbet toħroġ il-*Purchase Order*.

**35/05/04** **Ilment 18113055195872:** Il-Kunsill innota li dan l-aħħar kienu daħlu diversi ilmenti dwar is-servizz tal-knis. Il-Kunsillier Fenech informa li hu flimkien mas-S.E. kien iltaqa mal-kuntrattur u ġibdulu l-attenzjoni dwar in-nuqqasijiet kif ukoll infurmah li kuljum hu irid jirrapporta l-Kunsill ħalli jara jekk ikunux daħlu ilmenti. Il-kuntrattur ġie infurmat li skont il-kuntratt huwa għandu jaqta' l-ħaxix selvagg kemm mit-toroq kif ukoll ta' fuq il-bankini. Ġie deċiż ukoll li ssir laqgħa oħra mal-kuntrattur tal-knis kif ukoll il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart dwar it-tindif fil-jiem tal-festa. Is-S.E. għandha tirranġa appuntament.

**35/06** **Korrispondenza**

**35/06/01** Korrispondenza mingħand id-DGL dwar l-użu tal-pestiċida. Din ġiet innotata.

**35/06/02** Korrispondenza mill-MEPA dwar il-Barriera ta' Birguma. Din giet innotata.

**35/06/03** Korrispondenza mill-*Paying Agency* sabiex jintbgħatu l-irċevuti fil-ħin. Din ġiet innotata.

**35/06/04** Korrispondenza mill-MEPA dwar applikazzjonijiet għall-iżvilupp: PA 01463 13; PA 00481 13; PA 01417 13. Dawn ġew innotati.

**35/06/05** Korrispondenza dwar *Car Free Day* 2013 Kompetizzjoni għall-KL – Memo 18/2013. Din ġiet innotata.

**35/06/06** Korrispondenza mit-*Times of Malta* dwar *subscription proposal*. Din ġiet innotata.

**35/06/07** Korrispondenza mingħand l-Pulizija dwar rimi ta' terrapien f'Wied Anġlu. Din ġiet innotata.

**35/06/08** Korrispondenza mingħand il-MEPA rigward Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar Qari tad-Deċizjoni PA/04526/10 dwar is-Sit f'taz-Zebbuġi Ħal Għargħur. Il-Kunsill innota li dan l-appell ma kienx ġie milqugħ.

**35/07** **Materji Oħra u Mistoqsijiet**

**35/07/01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa kien talab lill-IPSL sabiex jinbgħatu żewġ ħaddiema ħalli jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fil-*Playing Field* ta' Żagħruna. Dawn il-ħaddiema għamlu xogħol ta' żebgħa fuq il-bandli u ħitan u kien jonqoshom jiżbgħu l-art. Il-Kunsill irringrazzja lill-IPSL u lil dawn il-ħaddiema u innota li qed isir xogħol tajjeb ħafna. Il-Kunsill approva x-xiri tal-materjal kollhu li hemm bżonn kif ukoll li isir xogħol ta' tiswija fil-*merry-go-round* minn Salvu Fenech. Ġie unanimament deċiż ukoll li tinzebagħ mill-ġdid il-pittura li hemm mal-ħitan u dan ix-xogħol ser isir minn Charles Vella. Il-Kunsillier Christopher Fenech intalab sabiex ikompli isegwi dan ix-xogħol.

**35/07/02** Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ se jorganizza *Pre-Fest Party* fis-*Searchlight Battery* fis-17 t'Awissu 2013.

**35/07/03** Il-Kunsillier Fenech nforma lill-Kunsill li l-MEPA kienet ipproċessat l-applikazzjoni tal-HSBC Bank Malta plc għat-twaħħil tal-ATM. Issa ser jiġi ippubblikat l-avviż u jibda l-proċess sabiex jinħareg il-permess. Hu kien ser ikompli isegwi.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**35/07/04** Il-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi nforma lill-Kunsill dwar il-laqgħa li flimkien mas-S.E. hu kellhu mas-Sinj Mandy Falzon tal-MEUSAC rigward applikazzjoni għall-ġemellaġġ. Il-Kunsill issa jrid isib lokalita' li tkun interessata li tagħmel ġemellaġġ. Il-Kunsillier is-Sur Vincent A. Galea informa lill-Kunsill li huwa għandu kuntatt ma villaġġ Comune di Pachino fi Sqallija u li dan għandu konnessjoni ma' Malta peress li fi żmien kienu marru diversi Maltin joqgħodu hemm. Il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Vincent A. Galea ser ikomplu isegwu.

**35/07/05** Il-Kunsillier Galea nforma lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat Edukazzjoni u Kultura kien se jorganizza ġita ta' ġurnata fi Sqallija fis-27 t'Awissu 2013. Hu ta dettalji ta' din l-attivita'. Il-Kunsill unanimament approva din l-attivita'.

**35/07/06** Il-Kunsill innota li l-aħħar *Management accounts* li kienu ġew ippreżentati kienu dawk għax-xahar ta' Mejju 2013. Is-S.E. infurmat li hi kienet qed taħdem fuq l-*accounts*. Il-Kunsill unanimament approva li jekk ikun hemm bżonn tinġieb l-għajnuna ħalli l-*accounts* jinżammu *up-to-date*.

**35/08** **Aġġornament**

**35/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.45pm wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar it-Tlieta, 13 t'Awissu 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **13 t'Awissu 2013** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |